Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8835 — Stadtwerke Olching/BAG Netz/NG Olching/Olching VerwaltungsGmbH)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 157/06)

1. Fis-26 ta' April 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Stadtwerke Olching GmbH ("SWO", il-Ġermanja), ikkontrollata b'mod konġunt minn Stadt Olching u Stadtwerke Schwäbisch Hall GmbH,

— Bayernwerk Netz GmbH ("BAG Netz", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp E.ON,

— Stadtwerke Olching Stromnetz GmbH & Co. KG ("NG Olching", il-Ġermanja),

— Stadtwerke Olching Stromnetz VerwaltungsGmbH ("Olching VerwaltungsGmbH", il-Ġermanja).

SWO u BAG Netz jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' NG Olching u Olching VerwaltungsGmbH.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SWO: tipprovdi elettriċità, gass, tisħin distrettwali u servizzi relatati u tħaddem sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriċità f'park industrijali fil-belt ta' Olching,

— BAG Netz: tiżviluppa, tħaddem u żżomm netwerks tad-distribuzzjoni tal-elettriċità u tal-gass. Bħalissa, hija għandha l-konċessjoni tal-grilja tad-distribuzzjoni tal-elettriċità fil-bqija tal-belt ta' Olching,

— NG Olching: se jkollha l-konċessjoni tal-grilja tad-distribuzzjoni tal-elettriċità trasferita minn BAG Netz u se tipparteċipa fl-offerta tal-2019 għall-konċessjoni tal-grilja ta' distribuzzjoni tal-elettriċità fil-belt ta' Olching kollha kemm hi,

— Olching VerwaltungsGmbH: se tiġġestixxu lil NG Olching.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8835 — Stadtwerke Olching/BAG Netz/NG Olching/Olching VerwaltungsGmbH

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË